**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta tal-Erbgha 29 ta' Jannar 2020**

**Rikors Numru : 266/2018 JPG**

**Kawza Numru : 22**

**MM f'isimha proprio u f'isem uliedha l-minuri SM u SL u Kuraturi ad litem tal-istess SM u SL b'digriet tas-17 ta' Ottubru 20018.**

**Vs**

**JM**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta' MM, datat 15 ta' Ottubru 2018, a fol 1 et seqq.,

1. *Illi l-kontendenti zzewgu fis-16 ta' Jannar tas-sena 2010 u dan kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dok A.*

2. *Illi matul dan iz-zwieg twieldu tliet (3) ulied, u cioe' SM li twieled f'X u li llum ghandu kwazi X sena, u SL li twieldet f'Y u li llum ghandha kwazi Y sena, u dan kif jirrizulta mic-certifikati tat-twelid hawn annessi u mmarkati Dok B u Dok C. Twieldet ukoll il-minuri BM f'Z u li llum ghandha Z xhur, liema wild ma hix il-wild naturali tal-intimat, u dan kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid taghha hawn anness u market Dok D.*

3. *Illi l-hajja konjugali tal-kontendenti saret impossibbli minhabba adulterju, abbandun, sevizzi, eccessi, minacci, u ingurji gravi kommessi mill-konvenut kontra l-attrici, u minhabba li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment kif sejjer jirrizulta fil-kors tal-kawza.*

4. *Illi l-medjazzjoni bejn il-partijiet ma waslitx ghal ftehim bonarju u dan kif jirrizulta mill-anness dokument markat Dok E.*

5. *Illi l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-kontendenti ghandha tigi xolta u likwidata.*

6. *Illi l-kura u l-kustodja tal-minuri SM u SL jehtieg li tigi affidata lill-attrici fl-ahjar interess tal-istess minuri.*

7. *Illi jehtieg li jigi iffissat manteniment ghall-attrici u ghal uliedhom minuri SM u SL.*

*Jghid ghalhekk il-konvenut ghar-ragunijiet premessi, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna, ghalfejn m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:*

1. *Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi M minhabba adulterju, abbandun, sevizzi, eccessi, minacci, u ingurji gravi kommessi mill-konvenut kontra martu l-attrici, u minhabba li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment, oltre dan, u tawtorizza lill-attrici tghix separatament mill-konvenut.*

2. *Tapplika kontra l-konvenut l-effetti tad-dispozizzjonijiet ta' l-artikoli 48, 50, u 51 tal-Kodici Civili tal-Ligijiet ta' Malta fis-shih jew parzjalment b'dan illi jekk ikun il-kaz, il-konvenut jitlef kull jedd li ghandu ghan-nofs l-akkwisti illi waqt iz-zwieg ikunu saru l-aktar bil-hila ta' l-attrici u dan minn data illi tigi stabbilita minn din il-Qorti bhala d-data meta l-konvenut ikun ta lok illi ssir din is-separazzjoni.*

3. *Ixxolji u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti okkorrendo b'opera ta' perit nominandi.*

4. *Tillikwida l-istess komunjoni u taqsamha f'zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali.*

5. *Tordna li l-kura u l-kustodja tal-minuri SM u SL tigi affidata esklussivament lill-attrici.*

6. *Tikkundanna lill-istess konvenut jhallas lill-attrici u lill-minuri manteniment adegwat li joghgobha tiffissa din il-Qorti skont il-bzonnijiet tal-istess attrici u l-minuri SM u SL u l-mezzi tal-konvenut, bil-modalita' ta' hin, lok, u gurnata ta' pagament li tigi ukoll stabbilita, inkluz provvediment ghaz-zjieda perjodika sabiex taghmel tajjeb ghall-awment fl-gholi tal-hajja u ghat-tnaqqis dirett mis-salarju u kwalunkwe introjtu iehor tal-konvenut.*

7. *Tikkundanna lill-konvenut sabiex jikkonsenja lill-attrici fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss, l-oggetti parafernali taghha u fin-nuqqas tikkundannah ihallas lill-attrici l-valur taghhom kif jigi hekk likwidat okkorrendo permezz ta' perit nominandi.*

8. *Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jircievi l-att ta' divizjoni relattiv u kuratur sabiex jirraprezenta lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att.*

9. *Tawtorizza lill-attrici tirriverti lura ghal kunjom xbubitha, u cioe' A.*

10. *Tawtorizza lill-attrici illi tirregistra fir-Registru Pubbliku ta' Malta s-sentenza eventwalment moghtija minn din l-Onorabbli Qorti.*

*Bl-ispejjez, inkluz l-ispejjez tal-atti tal-medjazzjoni, kontra l-konvenut ingunt minn issa ghas-subizzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat illi l-intimat huwa kontumaci;

Rat il-fakolta illi gie akkordat lilu sabiex iressaq is-sottomissjonijiet tieghu ai termini tal-Art. 158(10), Kap 12;

Rat illi l-intimat baqa' inadempjenti;

**Ikkonsidrat:**

Mill-atti jirrizulta illi ghalkemm l-konvenut gie debitament notifika, huwa baqa' kontumaci f'dawn il-proceduri, kif ukoll ma prezentax in-nota ta' sottomissjonijiet tieghu minkejja li gie moghti zmien skont il-ligi sabiex jaghmel dan.

Skond il-ligi, l-kontumacja ma tfissirx u ma tistax tigi ekwiparata ma ammissjoni. Infatti kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Blye Engineering Co. Ltd Vs Philip Borg Bellanti u Joe Fenech** deciza fit-22 ta' Gunju, 2005, Appell Civili per Onor. Imhallef Philip Sciberras:

> "... ***huwa wkoll principju ben stabbilit illi ghalkemm ilkonvenut jibqa' kontumaci dan ma kellux jinftiehem bhala li hu abbanduna kull eccezzjoni li seta' jaghti fil-kawza u ammetta d-domanda. Sta ghall-gudikant li jezamina jekk it-talba hix gustifikata, indipendentement mill-kontumacja tal-konvenut. Vide Kollez. Vol. XXIX P III p 35***;"

Illi infatti fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Edmond sive Jesmond Meilaq v. Brian Mizzi et** noe., Appell, 27 ta' Marzu, 1996 inghad:

> "***Illi fl-ahharnett irid jinghad illi skond il-gurisprudenza talQrati taghna, il-konvenut li jibqa' kontumaci, bhal kaz odjern, ma jitqiesx li ammetta t-talba ta' l-attur, izda jitqies li jkun irrimetta ruhu ghall-gudizzju tal-Qorti. Dana ma jfissirx pero' li l-Qorti tista' tqajjem hija stess ex officio kwalunkwe eccezzjoni li l-konvenut seta' jqajjem kieku kkontesta l-kawza billi kif gie ritenut fis-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell in re Hammet vs Genovese moghtija fil-***

***31 ta'Jannar 1991:***

> ***"Il-Qorti m'ghandhiex tissolleva eccezzjoniiet li mhiex awtorizzata espressament mill-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jew minn konsiderazzjonijiet ta' ordni Pubblika.***

***Ghaliex altrimenti tinholoq sitwazzjoni fejn il-Qorti tiddeciedi fuq eccezzjoni taghha stess haga li mhix rakkomandabbli billi tinvolvi vjolazzjoni ta' principju kardinali tas-smiegh xieraq tal-kawza;***""

Vide ukoll sentenza fl-ismijiet **Joseph Aquilina noe v. Lino Debono**, Qorti tal-Appell, deciza fis-7 ta' Ottubru, 1997.

**Ikkonsidrat;**

**Charles Cassar, Marixxal addett mal-Qrati tal-Gustizzja,** xehed illi huwa kien halla r-rikors guramentat, id-digriet u l-avviz tas-smiegh fl-indirizz indikat mill-attrici ma' AM fit-22 ta' Novembru 2018.

**L-attrici** xehdet illi l-partijiet kienu ltaqu' meta kellha xi tmintax – il sena u kienu f'relazzjoni ghal disa' snin qabel ma zzewwgu f'Jannar tal-2010. Spjegat illi l-partijiet ghandhom zewgt' itfal, imwieled fl-2002 u fl-2007. Kompliet illi fil-bidu l-partijiet kienu joqghodu d-dar t'ommha, filwaqt li imbaghad kienu marru joqghodu f'Pembroke fejn hija tikri proprjeta minghand il-Gvern.

Rigward ir-raguni ghat-tifrik taz-zwieg, l-attrici spejgat illi z-zwieg tal-partijiet kien dam sentejn biss u dan minhabba illi l-konvenut kien jiehu d-droga u minkejja l-ghajnuna taghha, tal-Caritas u tas-Sedqa, l-intimat ma kienx kapaci li jgheleb l-vizzju. Kompliet illi l-konvenut minn dejjem kellu l-vizzji, u kien anke jixrob u jilghab loghob tal-azzard, imbaghad imur id-dar u jagixxi b'mod vjolenti tant li anke lit-tfal kien isawwat. Qalet illi l-konvenut ma jezercitax access m'uliedu u lanqas qatt ma jcemplilhom jew isaqsi dwarhom. Ziedet illi huwa ilu ma jhallas manteniment ghal ulied minn Jannar 2018, minkejja li suppost kien qed ihallasha €80 fix-xahar. Ziedet illi l-kontendenti kellhom zewgt itfal, SM, ta' sbatax -il sena filwaqt illi binthom SL ghandha tnax -il sena. Qalet illi hija tixtieq illi kwalunwke

manteniment li jigi akkordat mill-Qorti jinqata' direttament minn kwalunwke beneficcju socjali jew salarju li jkun qed jippercepixxi l-konvenut. Qalet illi l-partijiet qatt ma xtraw dar flimkien wara li zzewgu jew ghamlu xi investiment wara z-zwieg. Ziedet li filfatt kellhom kont bankarju izda kien vojt. Spjegat illi hija ma tahdimx peress illi ghandha tarbija ta' sena li hija l-wild ta' terza persuna.

**Lisa Bonaci,** rapprezentanta tal-Agenzija Sedqa xehdet illi l-ewwel appuntament illi l-konvenut kellu mal-Agenzija kienet fit-28 t'April 2008 minhabba problema ta' uzu ta' sostanza u l-kaz kien inghalaq fit-28 t'Awissu 2008 wara li l-konvenut kien naqas milli jzomm kuntatt mal-Agenzija. Sussegwentement, fit-8 ta' Jannar 2015 il-konvenut kien gie riferut ghall-Agenzija minhabba l-istess problema mic-Child Protection Services, u kien inghata tmien appuntamenti li minnhom kien biss attenda tnejn u ghalhekk il-kaz kien inghalaq fil-15 ta' Dicembru 2015. Qalet illi mbaghad il-konvenut kien rega ghamel kuntatt mal-Agenzija fil-11 t'Ottubru 2017 u l-kaz kien inghalaq fit-3 t'April 2018 minhabba nuqqas ta' kuntatt.

**Noel Cassar,** rapprezentant tal-Caritas, xehed illi l-ewwel darba li kien ghamel kuntatt maghhom il-konvenut kien fl-4 ta' Novembru 2010 sabiex ifittex ghajnuna biex jeghleb il-vizzju tad-droga. Zied illi dak iz-zmien il-konvenut kien jiehu aktar minn tip wiehed ta' droga. Spjega illi l-konvenut kien beda l-programm f'San Blas fl-10 ta' Jannar 2011 izda kien gie sospiz fis-26 ta' Jannar 2011, kien rega dahal fil-25 ta' Frar 2011 u hareg fit-22 ta' Marzu 2011. Kompla illi fis-17 ta' Mejju 2012 il-konvenut kien wehel sentenza ta' habs u ghalhekk kien beda l-*prison inmates programme* izda kien gie sospiz wara xahrejn ghaliex kien kiser punt kardinali. Qal illi mbaghad il-konvenut rega dahal fix-shelter ghall-preparamenti sabiex jibda' programm izda rega telaq xi xahar wara qabel ma kien ghadu beda l-programm. Xehed illi dan il-process kien irrepeta ruhu diversi drabi, u l-ahhar li kellhom kuntatt mal-konvenut kien fil-25 ta' Mejju 2018.

**Ikkonsidrat;**

Illi din hija azzjoni ta' separazzjoni personali intavolata mill-attrici kontra zewgha l-konvenut, li skont hi, huwa hati ghat-tifrik taz-zwieg minhabba eccessi, mohqrija, sevizzi, theddid u offizi gravi fil-konfront taghha, kagun ta' liema iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment.

**<u>Htija ghat-tifrik taz-zwieg u applikazzjoni tal-Artikoli 48 – 51.</u>**

Fir-rigward tal-eccessi, intqal illi dawn huma ***"tutti quegli atti di violenza che eccedono ogni misura e che possono mettere in pericolo la vita del coniuge"****.*[1] Baudry Lacantinerie jghallem illi **"*Gli eccessi sono atti di violenza compiuti da uno dei coniugi verso l'altro e che possono porre in pericolo la salute e per fino la vita della vittima."***[2]

Fis-sentenza fl-ismijiet **Josephine Bonello pro et noe vs John Bonello** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Novembru 1999, u citata b'approvazzjoni minn din il-Qorti diversament presjeduta:

> **"*fil-fehma tal-Qorti, il-fatt li r-raġel iċaħħad lil martu minn manteniment xieraq u jkun xħiħ magħha f`dan ir-rigward, b`mod li jwassalha biex tirrikorri għal għand il-familjari tagħha għall-flus jew għal strataġemmi bħal ma jidher li wettqet l-attriċi, jammonta għal eċċessi fis-sens tal-artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili".*"**

Fir-rigward ta' sevizzi imbaghad, dawn gew definiti bhala **"*dawk l-atti abitwali li joffendu l-persuna u l-animu tal-konjugi li lilu huma diretti, u li jaslu biex joholqu ezarcerbazzjoni f'dak il-konjugi hekk offiz, u avverzjoni profonda ghall-konjugi l-iehor li jikkommetti dawk l-atti."***[3] Filfatt, Baudry Lacantinerie jghallem illi **"*Le sevizie rappresentano una attenuazione degli eccessi. Consistono in cattivi trattamenti, in vie di fatto che, pur senza minacciare la vita o la salute, rendono pero' insopportabile la coabitazione".***[4] Fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju 1961 intqal illi **"*Certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjamenti illi jistghu jirrendu l-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizzi".***

Jinsab ritenut illi:

> **"*…mhux kull nuqqas da parti ta' konjuġi versu l-konjuġġi l-ieħor jwassal għal sevizzi, minaċċi jew inġurja gravi fit-termini tal-Artikolu tal-Kodiċi Civili u huma biss dawk in-nuqqasijiet li, magħmula ripetutament u abitwalment, iweġġgħu u jferu lill-konjuġi sal-grad li l-konvivenza***

[1] Fadda, Giurisprudenza, Art.150, para. 214.
[2] Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile, Delle Persone, Vol.IV, para. 35.
[3] **Giuseppa Agius vs Pacifiko Agius,** Qorti tal-Appell Civili, deciza 10 ta' Dicembru 1951.
[4] Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile, Delle Persone, Vol.IV, para. 35.

> ***matrimonjali ssir waħda diffiċli u insapportabbli. Kif jinsab ritenut fil-ġurisprudenza patria: "Per sevizie nel senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o l'animo di colui e sono diretti al punto da ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti. [PA Camilleri utrinque, 16 Marzu 1898]."***[5]

Il-Qorti rat ukoll illi fis-sentenza fl-ismijiet **Emanuela sive Lilly Montebello vs John Mary sive Jimmy Montebello** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Novembru 2016 intqal illi:

> **"*Dan il-komportament abitwali* [b'referenza ghal vjolenza fizika u morali] *da parti tal-intimat, li eventwalment wassal ghat-tifrik taz-zwieg bejn il-partijiet, jikkwalifika bhala 'sevizzi' fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kodici Civili, stante li minhabba l-persistenza tieghu rrenda difficli hafna ghar-rikorrenti l-konvivenza matrimonjali. Minn barra dan, il-fatt li dan il-komportament tal-intimat kien beda jigi ezercitat sa mill-bidu tal-hajja konjugali fil-konfront tar-rikorrenti li minn naha taghha kienet tissaporti dan il-komportament ta' zewgha filwaqt li, minkejja dan l-agir abitwali ta' zewgha, kienet assumiet wahedha l-oneru tat-trobbija tat-tfal taghhom, jattira fil-konfront tal-intimat l-applikazzjoni tal-Artikolu 48 [1] [a] [c] [d] tal-Kodici Civili.*"**

Fir-rigward tal-ingurji gravi, inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Marthese Vella pro et noe vs George Vella** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Frar 2003 illi ***"l-ingurji gravi ma gewx specifikament dezinjati mid-duttrina, imma l-karattru generali taghhom gie dejjem imholli fis-sagacja u l-kuxjenza ta' l-Imhallef sabiex jivvalutahom."***

Il-Qorti rat illi fis-sentenza fl-ismijiet **AB vs CB** deciza fit-28 ta' Gunju 2018, din il-Qorti diversament presjeduta kienet qieset illi l-fatt illi ragel tar-rikorrenti kien ihalliha nieqsa mill-flus, u l-fatt illi hati ta' abbuz emozzjonali minhabba diversi offizi u nsulti da parti tieghu kontra martu, irrendieh hati ta' sevizzi u ingurji gravi fil-konfront ta' martu u li ghalhekk kellu jerfa r-responsabbilita primarja ghat-tifrik taz-zwieg.

Il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **AA B vs C B** deciza minn din il-

[5] **Jayne Margaret Chetcuti vs Lawrence Chetcuti,** Qorti tal-Appell Civili deciza 15 ta' Dicembru 2015.

Qorti diversament presjeduta fil-21 ta' Gunju 2018 fejn il-Qorti kien ikkonkludiet:

> "***Irrizulta abbondantement mill-provi li l-hajja konjugali giet reza impossibbli unikament mill- "persistenza ta' mgieba hazina" da parti tal-konvenut. Hu kien u baqa' ivvizjat bl-abbuz tad-droga, gie kkundannat diversi drabi mill-Qrati fuq pussess tad-droga, gie akkuzat ukoll b'omicidju volontarju, kien isir vjolenti, jisker u jkisser, addirittura gew ezebiti ritratti fejn haraq id-dar matrimonjali, u l- "episodji saljenti tal-hajja konjugali tal-partijiet" kienet l-vjolenza kontinwa, inkontrolabbli u irrefrenabbli tal-konvenut, li certament rrendiet il-hajja matrimonjali impossibbli. Tant li l-attrici kienet kostretta issib rifugju ghand il-genituri taghha biex tassikura l-inkolumita' taghha u ta' uliedha***."

Wara li rat l-atti kollha prezentati u semghat ix-xhieda prodotti mill-attrici, il-Qorti hija tal-fehma li f'dan il-kaz jirrizulta b'mod mill-aktar car illi l-konvenuta irrenda l-hajja konjugali bejn il-partijiet impossibli minhabba l-imgieba hazina persistenti tieghu. Jirrizulta illi l-konvenut kien mahkum mill-vizzju tad-droga, u kien jiehu drogi differenti. Mix-xhieda mhux kontradetta tal-attrici jirrizulta illi wara li kien ikun barra jixrob u/jew jiehu d-droga u/jew jilghab loghob tal-azzard, il-konvenut kien imur lura dar u jkun vjolenti mal-attrici sahansitra mal-ulied tal-partijiet. Il-Qorti tqis illi din ix-xhieda hija kkorrobata mix-xhieda ta' Lisa Bonaci illi spjegat illi fl-2015 il-konvenut kien gie riferut lil Agenzija Sedqa mic-Child Protection Services. Il-Qorti tosserva illi minkejja dan, il-konvenut kien mar ghal zewg appuntament biss mit-tmienja li kien moghti u li lanqas biss kien baqa' jzomm kuntatt mal-Agenzija minkejja li huwa car li l-vizzju tieghu kien qed ikollu impatt negattiv ferm fuq uliedu tant illi spiccaw involvew ruhhom ic-Child Protection Services. Il-Qorti rat minn numeruzi rapporti li gew esebiti illi l-konvenut kien ta' spiss jidhol fi problemi mal-ligi f'sitwazzjoni varji, ikun episodji ta' vjolenza, serq, tehid ta' droga, rapporti foloz, vjolenza domestika kontra s-siehba l-gdida tieghu, fastidju kontra l-attrici u l-familjarji taghha. Fil-fehma tal-Qorti huwa ghalhekk car illi huwa l-konvenut illi huwa hati ghat-tifrik taz-zwieg ta' bejn il-partijiet u fil-fehma tal-Qorti jinkonkorru c-cirkostanzi rikjesti ghall-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet kollha tal-Artikolu 48 kontra l-konvenut.

**Komunjoni tal-Akkwisti**

Mill-atti jirrizulta illi l-partijiet m'ghandhom l-ebda proprjeta in komuni, u lanqas ma

jirrizulta illi hemm ghandhom xi djun formanti parti il-komunjoni tal-akkwisti. Jirrizulta biss illi hemm kont wiehed f'isem il-partijiet mal-Bank of Valletta bin-numru W. Il-Qorti tqis illi dan il-kont ghandu jigi assenjat esklussivament lill-attrici.

**Kura u Kustodja u manteniment tal-ulied minuri tal-partijiet**

Il-Qorti taghraf illi skont il-gurisprudenza, l-kura u kustodja tat-tfal hija rregolata mill-principju tal-aqwa interess tat-tfal, u l-aqwa' utilita u l-akbar vantagg ghall-interess tal-istess tfal.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Novembru 2003 intqal illi:

> **"*apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawża, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl-isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut..."***

Skont is-sentenza fl-ismijiet **AB vs CD** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-23 ta' Frar 2018:[6]

> **"*Il-Qorti għaldaqstant, għandha s-setgħa illi jekk ikun fl-aħjar interess tal-minuri, tafda wieħed biss mill-ġenituri bil-kura u l-kustodja tal-minuri u dana ai termini tal-Artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili10. Illi kif kellha l-okkażjoni ttenni din il-Qorti diversi drabi, l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-ġenituri. "Il-Qorti tirrileva illi filwaqt li dejjem tagħti piż għad-drittijet tal-ġenituri, l-interess suprem li żżomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri, kif anke mgħallma mill-ġjurisprudenza kostanti tagħna hawn 'il fuq iċċitata.""***

[6] Rik. Gur. 39/17

Jirrizulta illi l-partijiet kienu f'relazzjoni ghal circa ghaxar snin, mill-liema relazzjoni kellhom liz-zewg minuri, SM u SL, li llum il-gurnata ghandhom kwazi sittax u hdax -il sena rispettivament. Din ir-relazzjoni sfaxxat, u r-rikorrent marret lura toqghod ma' ommha flimkien ma' ulied il-partijiet. Mill-provi prodotti jirrizulta l-intimat ma juri l-ebda interess fil-hajja ta' uliedu. Huwa ezercita access b'mod verament sporadiku ghall-bidu, u llum il-gurnata ilu kwazi sena ma jarahom. Jirrizulta inoltre mill-provi prodotti mir-rikorrenti u mhux kontradetti, illi l-intimat ma jikkontribwixxi xejn lejn il-manteniment tat-tfal, u li r-rikorrenti sahansitra ssibha difficli sabiex tikkuntatjah peress illi ma jirrispondix it-telefon, u lanqas ma ssibu d-dar meta tmur thabbatlu l-bieb.

F'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **F T K P D vs R K P G** deciza fit-22 ta' Marzu 2018, fejn f'cirkostanzi simili din il-Qorti diversament presjeduta kienet ikkonsidrat illi l-Artikoli 56 u 56A tal-Kodici Civili huma applikabbli u relevanti anke fil-kuntest ta' talba minn genitur sabiex jigi fdat esklussivament bil-kura u kustodja ta' ulied minuri li ma ssirx f'separazzjoin, u kienet *ex officio* cahhdet lill-missier fil-awtorita ta' genitur sabiex din l-awtorita tkun ezercitata esklussivament mill-omm:

> **"*Il-Qorti, wara li ezaminat ic-cirkostanzi partikolari kollha ta' dan il-kaz, b'mod partikolari li l-missier abbanduna lill-minuri b'mod assolut, tiddikjara li jezistu l-estremi sabiex iccahhad lill-missier mill-awtorita' ta' genitur sabiex tali awtorita' tigi ezercitata esklussivament mill-omm.*"**[7]

Il-Qorti rat ukoll illi skont l-Artikolu 149 tal-Kodici Civili:

> **"*B'dak kollu li jinsab f'kull disposizzjoni ohra ta' dan il-Kodici, il-Qorti tista', jekk tigi murija raguni tajba, taghti dawk l-ordijiet dwar il-persuna jew il-propjeta' ta' persuna li tkun taht l-eta' kif jidrilha xieraq fl-ahjar interessi tat-tifel.*"**

Il-Qorti taghraf illi f'cirkostanzi normali, iz-zewg genituri ghandhom rwol importanti fil-hajja u fit-trobbija ta' uliedhom, u ghalhekk l-ebda wiehed mill-genituri m'ghandhu jigi eskluz mit-trobbija tal-ulied sakemm ma jkunx hemm ragunijiet serji li jwasslu lil Qorti li tiehu mizura daqshekk drastika. Izda kif inghad, f'din il-materja il-Qorti tigi gwidata mill-

[7] Rik. Gur. nru. 192/16 RGM.

ahjar interessi tal-minuri, u ghalhekk il-Qorti ghandha tezamina jekk fic-cirkostanzi huwiex fl-ahjar interess tal-minuri illi xi hadd mill-genituri ghandu jigi zvestit mill-awtorita ta' genitur.

Il-Qorti rat illi l-attur abbanduna ghal kollox lill-uliedu, tant illi lanqas imqar juri interess fil-proceduri gudizzjarji li ntavolat ir-rikorrenti kontra tieghu fir-rigward taghhom, apparti illi ma jarahomx, ma jistaqsix dwarhom, u lanqas ma jikkontribwixxi finanzjarjament ghat-trobbija taghhom. Il-Qorti rat illi l-konvenut huwa mahkum milll-vizzju tad-droga u kemm -il darba jsib ruhu f'kunflitt mal-ligi minhabba ragunijiet varji. L-abbandun minn naha tal-konvenut ta' uliedu jpoggi lill-attrici f'sitwazzjoni difficli f'dak li ghandu x'jaqsam mad-decizjonijiet illi talvolta jkun hemm bzonn li jittiehdu fir-rigward tat-tfal, peress illi l-intimat jaghmilha mpossibli ghaliha li taghmel kuntatt mieghu. Il-Qorti tqis li ma jkunx fl-ahjar interess tal-minuri li ommhom ikollha tirrikorri ghall-proceduri gudizzjarji f'kull sitwazzjoni fejn jista' jkun hemm bzonn il-firma ta' missierhom, bhal per ezempju xi vjagg skolastiku edukattiv, jew xi decizjonijiet fl-ambitu mediku.

Il-Qorti ghalhekk hija konvinta illi jezistu l-estremi sabiex l-intimat jigi mcahhad mill-awtorita ta' genitur, sabiex din tigi ezercitata esklussivament mir-rikorrenti ommhom.

Fir-rigward tal-manteniment, il-Qorti taghraf illi skont il-ligi, il-genituri ghandhom l-obbligu li jmantu lil ulied skont il-mezzi taghhom. Illi fil-kaz odjern ma jirrizultax illi l-konvenut ma ghandux il-mezzi sabiex jivversa manteniment favur ulied partijiet. Il-fatt illi l-intimat mhux registrat li qed jahdem u ma jiehux beneficci socjali ma jfissirx li fil-fatt mhux necessarjament ifisser li mhux qed jahdem. Di piu', anke kieku stess l-intimat mhux qed jahdem dan ma jizgancahx mid-dover tieghu li jmanti lill-uliedu. Il-Qorti tqis illi fic-cirkostanzi l-manteniment ghaz-zewgt itfal tal-partijiet ghandu jkun ta' 300 Euro (tlett mitt Ewro) fix-xahar.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

1. **Tippronunzja s-separazzjoni tal-konjugi M ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut u tawtorizza lill-attrici tghix separatament mill-konvenut;**
2. **Tapplika kontra l-konvenut l-effetti kollha tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 48, 50 u 51 tal-Kodici Civili;**
3. **Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u tordna illi l-kont bankarju mal-Bank of Valletta bin-numru W ghandu jigi assenjat**

**esklussivament lill-attrici u tiddikjara illi hlief ghal dan il-kont ma hemmx aktar assi tal-komunjoni x'jigu likwidati u divizi bejn il-partijiet;**

4. **Tordna illi l-kura u kustodja tal-minuri SM u SL tigi fdata esklussivament lill-attrici b'dana illi d-decizjonijiet kollha li jirrigwardaw lill-minuri, kemm dawk ta' natura ordinarja kif ukoll dawk ta' natura straordinarja u cioe` dawk ta' edukazzjoni, sahha u decizjonijiet dwar il-hrug o meno` ta' passaport, jittiehdu esklussivament wahidha minghajr htiega tal-firma tal-intimat;**
5. **Tordna *ex officio* li r-rikorrenti tezercita wahedha u b'mod esklussiv l-awtorita' ta' genitur fuq il-minuri SM u SL;**
6. **Tilqa s-sitt talba u tikkundanna lil intimat jhallas lil attrici s-somma ta' 300 Euro (tlett mitt Ewro) fix-xahar bhala manteniment ghat-tfal minuri liema somma ghandha tigi mnaqqsa mill-paga tal-intimat jew mill-beneficcju socjali li jista' talvolta jibda jippercepixxi.**
7. **Tichad is-seba' talba stante nuqqas ta' provi;**
8. **Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tmien talba peress illi m'hijiex necessarja;**
9. **Tawtorizza lill-attrici tirriverti lura ghal kunjom xbubita u cioe A;**
10. **Tawtorizza lill-attrici illi tirregistra din is-sentenza fir-Registru Pubbliku ta' Malta.**

**L-ispejjez ghandhom jithallsu mill-konvenut.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**